VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,111, 19 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 198 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Archives and Records Management – Dip. ARM - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Archives and Records Management – Dip. ARM – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Diploma" tfisser id-Diploma in Archives and Records Management – Dip. ARM;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Archives and Records Management – Dip. ARM; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Programm ta' Studju jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu, inkluż taqsimiet studju sinottiċi, pjazzament u esej twil.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvat mis-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal-tibdil li l-Bord jista' jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) Il-Marka Medja Globali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Taqsimiet studju, il-pjazzament u l-esej twil	60%
Taqsimiet studju sinottiċi	40%.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.